<u>**Informazzjoni dwar il-Ħiliet ta' Patrimonju**</u>

**Il-Qafas Legali tal-Att Dwar il-Patrimonji Kulturali li għandu x'jaqsam mal-Ħiliet tal-Patrimonju**

1. Artiklu 2 tal-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali jiddefinixxi il-Ħiliet ta' Patrimonju kif imsemmi hawn taħt:

''Ħiliet tal-patrimonju" għandha tinkludi, iżda m'għandhiex tkun limitata għal, dawk il-ħiliet, abbiltajiet u kompetenzi meħtieġa għat-tlestija ta' xogħol speċifiku fl-isfera tal-patrimonju kulturali. Dawn il-ħiliet jinkludu l-applikazzjoni ta' sengħa jew artiġjanat patrimonjali, għarfien, użanza, arti, teknika u ħila kif ġew żviluppati u salvagwardjati, kemm permezz ta' tradizzjoni jew istruzzjoni, u li għandhom **kuntest ta' konservazzjoni;"**

2. Artiklu 32(3) ta' l-Att Dwar il-Patrimonji Kulturali jesiġi wkoll illi:

"Persuni reġistrati bħala persuni li għandhom Ħiliet tal-Patrimonju ma għandhomx iwettqu xogħol ta' konservazzjoni-restawr fuq patrimonju kulturali barra mill-qasam tagħhom ta' kompetenza: Iżda persuni reġistrati bħala persuni li għandhom Ħiliet ta' Patrimonju **għandhom biss jipprattikaw taħt is-superviżjoni ta' Konservatur-Restawratur li għandu *warrant,* meta jkunu qegħdin jaħdmu fuq patrimonju kulturali"**

3. Artiklu 39 jistabilixxi il-funzjonijiet tal-Bord tal-*Warrant* tar-Restawraturi. Waħda mill-funzjonijiet tal-Bord tirreferi speċifikament għall-Ħiliet ta' Patrimonju kif ikkwotat hawn taħt:

Artiklu 39(1)(k): "**ifassal linji gwida li jistabbilixxu l-mod kif il persuni li għandhom Ħiliet tal-Patrimonju għandhom jiġu evalwati u rreġistrati bħala tali;"**

***L-enfasi bl-użu tat-tipa skura huwa marbut mar-rilevanza tat-test speċifiku.***

(i) Fil-kuntest tad-definizzjoni ta' Ħiliet tal-Patrimonju fl-Att Dwar il-Patrimonji Kulturali, kif ukoll ir-rekwiżiti ta Artiklu 32(3) tal-istess Att, il-Bord jistabbilixxi li ċertifikati tal-Ħiliet ta' Patrimonju jingħataw għal dawk il-ħiliet u l-kompetenzi li huma relatati mal-patrimonju kulturali, u li jkunu jistgħu jitwettqu biss taħt is-superviżjoni ta' Konservatur-Restawratur, li huwa fil-pussess ta' *Warrant* fl-oqsma rispettivi ta' speċjalizzazzjoni, kif imniżżel fiċ-ċertifikat/i tal-prattika tagħhom.

(ii) Fil-kuntest tal-punt preċedenti, u b'referenza għall-lista ta' Konservaturi-Restawraturi li għandhom il-Warrant, hekk kif ippubblikata fuq is-sit elettroniku tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' Ħiliet ta' Patrimonju jiġu aċċettati biss speċifikament fl-oqsma ta' ħiliet, attitudnijiet u kompetenzi segwenti:

*a. Ħiliet relatati max-xogħol fil-ġebla u derivanti tagħha;*
*b. Ħiliet relatati max-xogħol fl-injam;*

c. *Ħiliet relatati max-xogħol fit-tessuti;*
d. *Ħiliet relatati max-xogħol fil-karta u legatura tal-kotba;*
e. *Ħiliet relatati max-xogħol fil-metall.*
f. *Ħiliet relatati max-xogħol fil-pittura.*

(iii) Il-lista tal-oqsma ta' ħiliet, attitudnijiet u kompetenzi jistgħu jiġu aġġornati mill-Bord kif jidhirlu meħtieġ minn żmien għall-ieħor.

(iv) Huwa mifhum illi dawn il-ħiliet, attitudnijiet u kompetenzi jistgħu jiġu mgħallma u/jew jinkisbu bi snin ta'esperjenza.

Fost rekwiżiti oħra, hu speċifikament neċessarju numru MINIMU ta' snin ta' esperjenza fil-prattika tal-ħiliet, attitudnijiet u kompetenzi relatati mal-patrimonju kulturali, flimkien ma':

a. Is-sottomissjoni ta' portafoll ta' ħidma
b. Intervista lill-applikant mill-Bord
c. Il-preżentazzjoni ta' kwalifiki akkademiċi, vokazzjonali jew professjonali fejn applikabbli
d. Ittra ta' referenza, iffirmata minn persuna li x-xogħol jew il-professjoni tagħha huma direttament relatati mal-patrimonju kulturali, dwar in-numru ta' snin ta' esperjenza tal-applikant fil-Ħila ta' Patrimonju rilevanti

(v) Biex applikant ikun ikkunsidrat eliġibbli għar-reġistrazzjoni ta' Ħila/Ħiliet ta' Patrimonju, irid jissodisfa **waħda** mill-alternattivi segwenti:

a. Sentejn esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + MQF fil-livell 5 (suġġett għal minimu ta' 120 krediti tal-ECTS, jew ekwivalenti)
b. Tliet snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + MQF fil-livell 4 (suġġett għal minimu ta' 120 kreditu tal-ECTS, jew ekwivalenti)
c. Ħames snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + MQF fil-livell 3 (suġġett għal minimu ta' 60 kreditu tal-ECTS, jew ekwivalenti)
d. Seba' snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + MQF fil-livell 2 (suġġett għal minimu ta' 40 kreditu tal-ECTS, jew ekwivalenti)
e. Disa' snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + Kwalifiki addizzjonali rilevanti oħra
f. Għaxar snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju

**Rekwiżiti Oħra:**

i. Ċertifikazzjoni tal-livell ta' MQF trid tkun jew direttament f'Ħila tal-Patrimonju nfisha, jew direttament marbuta mas-settur tal-patrimonju kulturali.
ii. Applikanti li jippreżentaw ċertifikati ta' livell ta' MQF, huma kkunsidrati li jkunu kisbu ir-riżultati neċessarji kif speċifikat fil-kors ta' studju li jkunu segwew jew ekwivalenti, u huwa mistenni minnhom li juru biċ-ċar li

għandhom dawn il-ħiliet waqt l-intervista.

iii. Hija responsabbiltà tal-applikant li jipprovdi dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent mill-MQRIC għall-kwalifiki li jippreżenta, jew minn awtoritajiet oħra li għandhom l-istess funzjoni f' dan il-kuntest.

iv. In-numru ta' snin ta' esperjenza iridu jkunu konfermati permezz ta' Ittra ta' referenza minn persuna li x-xogħol jew il-professjoni tagħha hija direttament relatata mal-patrimonju kulturali.

v. L-evidenza tal-esperjenza prattika tal-Applikant trid fost l-oħrajn turi biċ-ċar illi l-applikant għandu l-abbilta' li jikkollabora ma Konservatur-Restawratur li għandu il-*Warrant*:

1. billi jagħraf jikkunsidra interventi skond prattiċi stabbiliti li jsiru fuq oġġetti ta' valur ta' patrimonju;
2. f'attivitajiet immirati lejn għarfien aħjar tal-oġġett ta' valur ta' patrimonju;
3. f'żamma ta' dokumentazzjoni xierqa tal-interventi mwettqa u r-riżultati miksuba.

vi. Applikanti prospettivi għandhom jimlew il-Formola ta' Applikazzjoni fl-Anness (i) u jew jibgħatuha permezz ta' imejl fuq bord.restawraturi@gov.mt jew f' envelopp issiġillat indirizzat:

**Secretary to the Bord**
**Bord tal-Warrant tar-Restawraturi**
**21, Chateau de la Ville**
**Archbishop Street**
**Valletta**

vii. Meta l-Bord jiddeċiedi li l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti kollha neċessarji, kif indikat f'dan id-dokument, dan jiġi rreġistrat li għandu Ħila/Ħiliet ta' Patrimonju, kif stipulat fl-Artiklu 32(2) ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

# Bord tal-*Warrant* tar-Restawraturi

**Applikazzjoni għar-Reġistrazzjoni bħala persuna li għandha Ħila tal-Patrimonju**

**FORMOLA TA' REĠISTRAZZJONI**

**Dettalji Personali**

**Isem tal-Applikant ……………………………………………………………..……**

**Data tat-Twelid…………………………..**

**Numru tal-Karta tal-Identità…………………………..**

**Indirizz tar-Residenza**

**……………………………………………………………….................................................**

**.............................................................................................................................................**

**.............................................................................................................................................**

**..................**

**Numru tal-Mobajl ……………….……..**

**Imejl ………………………………………..…………………………**

**Esperjenza u Kwalifiki**

**Għażel waħda minn dawn t' hawn taħt:**

☐ Sentejn esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + MQF5

☐ Tliet snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + MQF4

☐ Ħames snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + MQF3

☐ Seba' snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + MQF2

☐ Disa' snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju + Kwalifiki addizzjonali rilevanti oħra.

☐ Għaxar snin esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju

**Kwalifiki Rilevanti**

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

**Kwalifiki Oħra**

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

**Għażel il-ħiliet, attitudnijiet u kompetenzi rilevanti tiegħek minn hawn taħt:**

- ☐ *Ħiliet relatati max-xogħol fil-ġebla u derivanti tagħha*
- ☐ *Ħiliet relatati max-xogħol fl-injam*
- ☐ *Ħiliet relatati max-xogħol fit-tessuti*
- ☐ *Ħiliet relatati max-xogħol fil-karta u legatura tal-kotba*
- ☐ *Ħiliet relatati max-xogħol fil-metall*
- ☐ *Ħiliet relatati max-xogħol fil-pittura*

**Esperjenza ta' Xogħol**

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………

DIKJARAZZJONI

**Jien hawn taħt iffirmat niddikjara li il-Formola ta' Reġistrazzjoni hi kompluta u li id-Dokumenti hawn taħt imsemmija huma annessi mal-formola:**

- ☐ **Kopji ċċertifikati tal-Kwalifiċi imniżżla fil-Formola;**
- ☐ **Portafoll ta' ħidma li jixhed in-numru ta' snin ta' esperjenza fuq xogħol ta' ħiliet tal-patrimonju;**
- ☐ **Ittra ta' referenza minn persuna li x-xogħol jew il-professjoni tagħha hija direttament relatata mal-patrimonju kulturali;**

**Firma ……………………………………  Data …………………………**